


# Taħt il-Lenti tal-FOTOGRAFU

Suppliment ta' ritratti antiki b'informazzjoni marbuta magħhom miktuba mir-Rev. Dun George Schembri.
Fost l-oħrajn jidhru ukoll dettalji tax-xogħol ta' restawr li sar matul dawn it-tletin sena.



**Il-Faċċata tal-Knisja**
Il-Knisja, għalkemm fid-dehra tagħha minn barra tagħti lemħa ta' fortizza, l-faċċata tagħha hija mżejna bi skultura intrikata u dettaljata ħafna sabiex tiddistingwieha bħala Knisja minn bini ieħor. L-istess skultura tal-faċċata tirrifletti l-influwenza tal-istil Spanjol fl-arkitettura tagħna. Interessanti l-kolonni mal-ġenb u fuq il-bieb prinċipali b'żewġ statwi li bejniethom insibu tieqa tonda b'raġġi ħerġin minnha biex tissimbolizza x-xemx. Din hija referenza għal Kristu li, mis-siltiet Bibbliċi, nikkunsidrawh bħala x-Xemx tal-Ġustizzja (salvazzjoni) tagħna. Ukoll għax il-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija, minn wara, tħares lejn ix-xemx tiela', waqt li minn quddiem, tħares lejn ix-xemx nieżla - it-tnejn referenza għal Kristu li jdawwal kontinwament 'l ħajjitna.






**Dettal mill-faċċata tal-Knisja**
Hawn insibu ħames coat of arms, b'iskrizzjoni taħt dik tan-nofs li hi marbuta mar-re ta' Spanja li kien għadda lil Malta lill-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Gwann, b'ċens u mhux b'titolu asslut.
Dan ifisser li Malta qatt ma kienet kompletament tal-Kavallieri.
Għaldaqstant meta ma baqgħux f'Malta, din kellha tgħaddi lill-eredi ta' l-istess Re ta' Spanja. Tajjeb li wieħed jinnota li l-iskrizzjoni tirreferi għall-Kan.
Dun Filippu Borgia li kien Rettur tal-Knisja, u kien responsabbli għall-bini u t-tkabbir tagħha.

**Il-Kampnar**
Għalkemm oriġinarjament il-Knisja kienet mfassla biex ikollha żewġ kampnari mal-ġnub tagħha, fil-fatt insibu kampnar wieħed li donnhu qiegħed iħarisha bħalma jagħmel sentinella.
Fl-istess ħin, waqt li fih insibu xi qniepen zgħar biex isejħulna għaċ-ċelebrazzjonijiet li jseħħu fiha, jindikalna wkoll (mill-bogħod) il-preżenza tagħha li tridna nħarsu 'l fuq lejn Alla.



Alice's HOUSE
All kinds of drapery

206, Main Street,
B'Kara
Tel: 21440004






**Is-saqaf minn ġewwa**
Interessanti d-dehra tiegħu nofs tond miżgħud bi skultura ta' stillel biex mill-ewwel jagħtina x'nifhmu li hu mfassal hekk, mhux sempliċiment bħala dekorazzjoni li tpaxxi biss l-ghajnejna iżda bħala struttura li tirrappreżenta is-sema. F'sens reliġjuż is-sema hija assoċjata mal-ġenna u l-ħajja ta' dejjem. Għalhekk f'dan il-livell, fil-knejjes tagħna għandna nsibu dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' Alla, igifieri l-anġli u l-qaddisin fil-glorja.

**L-iskultura ta' Sant'Elena fis-saqaf tal-kor.**
Waqt li nassoċjawha ma' dak li ghidna fir-ritratt ta' qabel, ta' min iżid li għalkemm il-Knisja l-Qadima hi dedikata lill- Madonna, iżda, jidher li l-karkariżi diġa kellhom id-devozzjoni lejn Sant'Elena li eventwalment saret il-patruna tagħhom meta għażlu li jmorru lejn ix-xaqliba l-oħra ta' Birkirkara biex jibnu Knisja oħra, ġaladarba dik dedikata lill-Assunta kienet strutturalment dgħajfa. Nifhmu li Sant'Elena kienet 'popolari' mal-karkariżI minħabba li fiż-żmien dawn kienu mħarrġa sew fis-sengħa ta' xogħol fid-deheb u l-fidda. Fil-fatt fit-tradizzjoni nisranija, Sant'Elena hi patruna ta' dawn il-ħaddiema.








**Dettal ta' l-iskultura minn ġewwa ta' żewġ anġli żgħar.** Apparentement dawn iż-żewġ anġli qed ikissru s-simitrija tal-iskultura speċjalment tal-gwarniċ li ġej minn naħa ta' fuq il-kapitelli tal-kolonni. Din hija l-libertà li biha jinqegħda dak li nsejħulu l-istil Barokk, predominanti fil-Knisja tagħna. Raġuni prinċipali għandna nqisuha li kienet il-ħtieġa biex il-kawdru, li fir-ritratt ma jidhirx, jkun marbut ma' l-anġli jispikka ftit iktar minn dak li nsibu madwaru.

**Dettal tal-gwarniċjun li jdur fuq il-kolonni ta' ġewwa.** Fl-arkitettura, il-gwarniċjun jifred livell minn iehor bħal meta nagħmlu linja fuq karta biex nenfasizzaw dak li nkunu qed niktbu jew biex niddistingwu sezzjoni minn oħra. Hekk ukoll fil-Knisja l-Qadima il-gwarniċjun hu okkażżjoni biex, fost l-oħrajn, jagħti lok għall-arma tal-familja tal-Kanonku Dun Filippu Borgia li ħa ħsieb il-kostruzzjoni tagħha. S'intendi, ma riedx li ta' warajh jinsewh!

